MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2121/2002

***Pater Finance Co.Ltd.***

***vs***

***Germann Cassar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitt liri Maltin (Lm706) rappresentanti l-import ta' ghaxar kambjali wahda ta' Lm31 (bilanc) u disgha ta' Lm75 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-avviz u mmarkati bhala dokumenti numri 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2002 u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-3 ta' Settembru 2002 jammontaw ghal Lm22 oltre l-

imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat skond il-ligi permezz tal-procedura tal-publikazzjoni, baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitt liri Maltin (Lm706), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**